KLR 19/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 fis-19.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:-il-membru Joseph Debrincat.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni nurmu 7 ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mill-kunsilleir Buttiġieġ.

**Mozzjoni nru 7**

**Preambolu**

**Wara li l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria (Il-Kunsill) ibbenefika minn ammont ta' fondi tal-Unjoni Ewropea (UE) 'ERDF 249 Setting an integrated archaeological, cultural, and historical trail in Victoria' (il-proġett) liema proġett jiswa €1,504,708 u li minnu l-kunsill ibbenefika € 1,109,250 bhala fondi tal-UE;**

**Minħabba li l-proċess tal-għazla ħa fit-tul, burokrazija żejda u dewmien li ma jaħtix għalihom il-Kunsill il-proġett li kellu jitlesta fi tlett (3) snin irid isir f'sena (1);**

**Illi għalhekk l-*commitment* li l-Kunsill kien ħaseb li ser iqassam fuq tlett snin (3) ser ikollu jagħmlu fuq sena (1) għaliex ninsabu fl-aħħar sena applikabbli għal *Budget* tal-UE 2007-2014;**

**Illi jekk ma jiġux rispettati t-termini ssetjati mall-Public Priorities Co-ordination Division (PPCD) jintilfu dawn il-fondi kollha għal Malta;**

**Illi minħabba li max-xogħol kellhom jinbidlu s-servizzi tal-utilitajiet u dranaġġ liema spejjes mhux koperti minn fondi tal-UE;**

**Illi wħud minn dawn is-servizzi mhumiex biss maħsuba għal-komunita residenzjali tal-Belt Victoria imma wkoll tan-naħa tal-punent ta' Għawdex, L-Għasri, L-Għarb, Ta' Kerċem, San Lawrenz, u ż-Żebbug;**

**Illi minn eżami akkurat tal-ispejjes involuti l-Kunsill għandu bżonn faċilita finanzjarja ta' ħames mija disgħa u għoxrin elf erbgħa mija u tnejn u tletin euro (€529,432) kif hemm indikat minn dokument annes bħala Dok A;**

**Illi għalhekk il-Kunsill ser ikollu jagħmel *commitment* ikbar minn dak maħsub;**

**Konsapevoli tax-xogħol rikjest, fondi neċessarji u titjib li tali proġett ser iġib fil-komunita tal-Belt Victoria u ta' Għawdex b'mod ġenerali u in vista tal-premess:-**

**Japprova li l-istess Kunsill jidħol f'arranġamenti ma bank jew banek lokali skond ir-regolamenti applikabbli u wara li jkollu l-approvazzjoni neċessarja mingħand l-awtoritajiet kompetenti u mingħand id-Dipartiment Gvern Lokali għal-faċilita finanzjarja ta' *loan* ta' ħames mija disgħa u għoxrin elf erbgħa mija u tnejn u tletin euro (€529,432) skond dawk il-kundizzjonijiet li jiġu mifthema bejn il-Kunsill u l-istess istituzzjoni finanzjarja.**

**Dan dejjem fl-aħjar interess tal-Belt Victoria u l-komunita' tagħha li għalina huwa l-interess suprem.**

Il-membri qablu li għandu jibda l-proċess sabiex jiġi approvat dan is-self mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

**3.** ***Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Is-Sindku għarraf lill-membri li dwar dan il-proġett qed isiru laqgħat regolari mal-kuntratturi, l-*Project Administrator* u u l-Perit. Ix-xogħol waqaf għal-sebat ijiem minħabba sejbiet arkeoloġiċi li huma mmonitorjati mis-Superintendenza għall-Wirt Kulturali u l-kuntrattur tal-Kunsill AIS Environment. L-mina ta' taħt l-art li minnha jridu jgħaddu s-servizzi ġiet spostjatha minnħabba dawn is-sejbiet. Rigward il-pompa tal-petrol ta' Pjazza Savina, qed issir konsultazzjoni mas-sidien u mal-MEPA sabiex din ma tibqax f'dan il-post. Il-Kunsill jaqbel li din ma tibqax hemm u dejjem qabel li t-tank tagħha ma jikbirx.

<u>Korrispondenza relatata mal-proġett</u>

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.1 is-Supretendent tal-Pulizija rigward *traffic management* fir-Rabat sakemm ikun qed isir dan il-proġett. Il-Kunsill bagħat pjanta għall-approvazzjoni ta' Transport Malta (TM) biex Triq

Repubblika minn salib it-toroq sa Triq Sant' Ursola kantuniera ma Triq l-Imgħallem tiġi *one way*, b'aċċess biss għaċ-Ċittadella. Fi Triq Sir M'Anġelo Refalo ser jitneħħa l-parkeġġ temporanjament sabiex ikun hemm aktar aċċess għar-residenti peress li Triq l-Arċipriet Saver Cassar tinsab maqlugħa. Saret ukoll talba lill-TM għall-permess ta' *pedestrian crossing* fi Pjazza Savina (fejn kien hemm il-*bus shelter*), għan-naħħa l-oħra tat-triq.

3.2 Wirt Għawdex rigward is-sejba ta' ħajt medjevali fi Pjazza Savina. Qed jintalab sabiex dan il-ħajt jitħalla jidher permezz ta' art tal-ħġieġ. Is-Sindku spjega li dan ix-xogħol ser isir fi Pjazza Indipendenza kif imniżżel fil-proġett approvat. Għalhekk ma hemmx fondi allokati mill-ERDF sabiex dan isir ukoll band'oħra.

3.3 Andrew Gatt (membru Wirt Għawdex) rigward it-tneħħija tas-siġra li tinsab fi Pjazza Savina. Il-Kunsill qatt ma applika mal-Mepa sabiex titneħħa din is-siġra u hekk għadha tidher fil-pjanti approvati li magħhom qed jimxi il-Kunsill, (PA 2044/10).

## 4. *Update – Playing Field*

Il-Kunsill irċieva d-deċiżjoni tal-Public Contracts Review Board rigward l-appell li sar minn Gatt Tarmac Ltd. fuq il-proġett tal-*playing field*. Dan jinsab anness f'dokument B. Id-deċiżjoni kif annessa ttieħdet fl-20 ta' Mejju 2014 u ma sar ebda' appell fuq id-deċiżjoni. Il-Kunsill jista' jmexxi fuq id-deċiżjoni li kien ħa sabiex ix-xogħol tal-bini tal-*playing field* isir minn Patrick u Domenic Refalo. Tressqet korripsondenza mingħand Sharlo Camillieri, Kap tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali rigward il-finanzjament tal-*playing field*. Is-Sindku spjega li din l-aġenzija ser tgħaddi parti mill-finanzjament qabel jinbeda l-proġett.

## 5. Restawr ta' Niċċeċ

Tressaq ir-rapport tal-Perit rigward l-offerta tar-restawr tan-niċċeċ. Dan jinsab anness f'dokument Ċ. Il-membri qablu mal-parir tal-Perit u l-offerta tingħata lill-Gaulos Conservation Joint Venture.

## 6. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza

Transport Malta (TM) ħarġet permess għall-

6.1 *double yellow line* quddiem il-garaxxijiet 'Garden View' fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi;

6.2 *traffic mirror* fi Triq Patri Manuel Magri faċċata ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju;

6.3 *No Entry* għall-vetturi tqal u *one way* għall-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem. Dan bi prova ta' xahar. Il-membri qablu li qabel issir il-porva tal-*one way* għandhom jiġu konsultati r-residenti tal-inħawi;

Il-membri qablu li jintalab permess għall:-

6.4 *traffic management* fi Triq it-8 ta' Diċembru;

6.5 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Karlu Galea ma Triq l-Ewropa;

6.6 *double yellow lines* temporanji (sakemm jitlesta x-xogħol fi Pjazza Savina) fil-bidu ta' Triq ta' Wara s-Sur biswit l-uffiċċju tal-*Public Works*;

6.7 *Keep Clear* quddiem Mediterranean Bank fi Triq Fortuanto Mizzi;

6.8 *No Parking for Heavy Vehicles* fil-bidu ta' Triq Patri Anton Debono.

**7. Approvazzjoni tal-kontijiet**

7.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Lulju 2014 skont dokument D anness.

7.2 Ġew approvati wkoll l-aħħar kontijiet tal-gwardjani lokali tal-Kumitat Konġunt minn Marzu sa Diċembru 2013. Dawn jammontaw għal total ta' €1361.96.

7.3 Billi f'xi ġranet ta' Ġunju l-latrina tal-irġiel ta' Pjazza Indipendenza kellha tingħalaq minħabba r-restawr tal-Banca Giuratale, l-membri qablu li jitnaqqas il-ħlas skont il-prezzijiet tal-offerta. Dan għandu jiġi ċertifikat mill-*accountant*.

**8. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 id-Dipartiment għal-Proġettu u Żvilupp rigward bankina li tinsab fi Triq Taħt Putirjal u r-*retaining wall* ta' taħtha li jiġi fil-*playing field*. Tressqet stima tax-xogħol. Il-membri qablu li għandu jsir ftehim mal-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill u l-Minsiteru jaqsmu l-ispejjes bejniethom;

8.2 l-iskrivan Joebert Galea li peress li ilu jaħdem mal-Kunsill għal dawn l-aħħar erba' snin, talab li jiġi promoss minn Skala 15 għal Skala 13. Il-Kunsill għandu jimxi fuq il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali;

8.3 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward Skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet *Lifelong Learning* 2014/15;

8.4 Ramona Portelli mid-Dipartiment għal- Gvern Loakli rigward ilment li rċevew mingħand Franġisku Portelli rigward kaxxa tal-parkeġġ quddiem il-blokk ta' *flats* fejn joqgħod hu f'taċ-Ċawla H. E.;

8.5 il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'kumitat tal-Milied f'Għawdex. Il-Kunsill aċċetta din il-parteċipazzjoni;

8.6 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun t'Għawdex rigward proposta għall-logħob *Gioci senza frontieri*. Il-membri qablu li din il-proposta tintbagħat lill-NGO's Rabtin;

8.7 Dione Lautier li talab il-permess għall-użu ta' *bin* li fih jintrema skart iġġenerat mill-istabilimenti tal-ikel fuq użu permanenti. Il-Kunsill ma jistax jissanzjona llegalitajiet.

8.8 Kelvin Catesby li reġa kiteb rigward ix-xogħol li sar fi Sqaq 1, Triq Sant Indrija. Il-Kunsill għandu jinfuramh li dan ix-xogħol sar mill-Ministeru għal Ghawdex;

8.9 Kevin Sciberras li ssuġġerixxa li tinħasel Triq il-Madonna tal-Karmnu peress li saru xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni f'xi djar. Il-kunsill ser jitlob stima sabiex din it-triq tinħsel bil-*pressure washer;*

8.10 Lawrence Formosa, Citadel Insurance plc li ssuġeriixa li jekk l-assikurazzjoni tal-Kunsill tiġi mġedda għal sena oħra ma din il-kumpanija, terġa tiġi kkunsidrata l-*claim* li kienet saret fuq il-inċident ta' Debbie Theuma Scerri. Dan mhux aċċettabbli u l-Kunsill ser joħroġ talba għall-stimi ġodda;

8.11 it-tlett klabbs tal-futbol tar-Rabat li bgħatu kopja ta' korrispondenza li ntbagħtet lill-Ministru għal Għawdex. Dawn qed jitolbu d-devoluzzjoni tal-grawnd Leli Farruġia;

8.12 Anthony Attard, Raymond Spiteru u Jolanda Conrad li ssuġġerew li jsir *mini-golf* fil-*playing field*. Il-Kunsill għandu jgħarraf lil dawn il-persuni li dalwaqt jibda x-xogħol tal-proġett tal-*playing field*

## 9. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

9.1 f'attivitajiet organiżżati mill-Kunsill, il-postijiet riservati jitħallew biss għall-membri parlamentati, kunsilliera u persuni li jkunu ngħataw Ġieħ il-Belt Victoria u staff. Postijiet riservati oħra għanhdom jinżammu biss sal-ħin li tibda l-attivita';

9.2 jinxtraw 10 kopji tal-ktieb miktub mill-Kav. Joe M Attard li jġib l-isem 'Profili ta' kittieba Għawdxin';

9.3 tinbidel tappiera li tinsab quddiem blokk D f'taċ-Ċawla H. E. peress li dik preżenti hi tqila wisq;

9.4 l-Kunsill jixtri premijiet għat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija 2014;

9.15 l-bankijiet u l-qsari ta' fuq il-bankina l-wiesgħa ta' Triq Palma jitressqu ftit lura sabiex min jipparkja jkun jista' joħroġ mill-vettura tiegħu;

9.16 jiġi kkunsidrat li fi Triq Santa Marija fil-parti l-wiesgħa ta' taħt il-knisja ta' Savina titwessa l-bankina kif issuġġerew xi residenti.

Il-laqgħa spiċċat fiut-20.30 u laqgħa oħra ser isir nhar il-Erbgħa 30 ta' Lulju 2014 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |